Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A, LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Chris Pullicino)

(Spettur Sylvana Briffa)

vs

-Omissis-

David Lineker Micallef

-Omissis-

-Omissis-

(Denunzja)

Kumpilazzjoni Numru 613/16

**Illum 5 ta' Frar 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' -omissis-, Lineker David Micallef detentur tal-karta tal-identità numru 196887M u -omissis- akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, f'Awissu 2013 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioè;

Talli nhar it-12 ta' Awissu 2013 ghall-habta tal-hdax nieqes kwart ta' filghaxija, f'dawn il-Gzejjer, ikkommettew serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin u sar ghad-dannu ta' Thomas Mifsud u/jew persuna/i ohra;

U aktar talli fil-gimghat jew xhur ta' qabel it-12 t'Awissu 2013, f'dawn il-Gzejjer f'diversi okkazjonijiet differenti, ikkommettew serq ta' flus kontanti u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat

bil-vjolenza u bil-hin u sar ghad-dannu ta' diversi nies mhux maghrufa;

U aktar talli nhar it-12 t'Awissu 2013 ghall-habta ta' l-hdax nieqes kwart ta' filghaxija, f'dawn il-gzejjer, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew, jew issekwestraw lil Thomas Mifsud kontra l-volonta` tieghu;

U aktar talli fil-gimghat jew xhur ta' qabel it-12 t'Awissu 2013, f'dawn il-Gzejjer, f'okkazjonijiet differenti, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew, jew issekwestraw lil diversi persuni kontra l-volonta` taghhom meta ppuntawlhom strument li jaqta' u bil-ponta waqt serq aggravat minn fuq l-istess persuni li l-identita` taghhom ghadha mhux maghrufa;

Lil -omissis-

-omissis-

-omissis-

-omissis-

-omissis-

-omissis-

-omissis-

-omissis-

-omissis-

-omissis-

-omissis-

Lil -omissis- wahidha talli;

-Omissis-

-Omissis-

-Omissis-

Lil Lineker David Micallef wahdu talli:

Nhar it-12 t'Awissu 2013 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` ta' Shanelle Farrugia u Thomas Mifsud billi tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-konfront ta' -omissis-

Rat li dan kien gie ssentenzjat minn din il-Qorti permezz ta' sentenza datata 22 ta' Gunju 2021 li minnha ma kienx intavolat l-ebda appell;

Rat illi f'dik is-sentenza l-imputat kien gie mpoggi taht Ordni ta' Probation taht il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tliet (3) snin u li kien qed jigi segwit mill-ufficjal tal-Probation Maria Mifsud;

Illi rat ir-rikors tal-istess Ufficjal tal-Probation Maria Mifsud datat 31 ta' Mejju 2022 li gie dikjarat li d-denunzjat ma kienx qed josserva d-direttivi imposti taht l-Ordni ta' Probation;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti fejn appuntat dan ir-rikors ghall-1 ta' Lulju 2022 u ordnat li jigi notifikat l-istess intimat David Lineker Micallef;

Semghet ix-xhieda bil-gurament tal-ufficjal tal-Probation Maria Mifsud fil-prezenza tad-denunzjat u tal-avukat tieghu fejn din elaborat fuq il-fatt illi l-imputat ma kienx qed josserva skrupolozament id-direttivi taghha f'dak li kellu x'jaqsam mal-ghoti tal-kampjuni tal-urina fejn dan ma kienx qieghed jissottometti l-urina tieghu izda xi sustanza ohra. Tghid ukoll illi meta hi gibditlu l-attenzjoni taghtu appuntament iehor ghall-ghoti tal-kampjun tal-urina fejn dan ghamel l-istess izda meta regghet ikkonfrontatu huwa beda jinnega izda wara huwa ammetta. Fil-fatt fl-ghoti tal-kampjuni sussegwenti t-testijiet gew pozittivi ghall-eroina u kokaina. Wara dan kollu huwa wera x-xewqa illi jidhol gimgha Dar l-Impenn ghal detoxification izda hi spjegatlu li l-problema hija akuta u b'gimgha biss ma kien ser jaghmel xejn. Tghid illi qabel ma kien ser jidhol Dar l-Impenn kellu appuntament mal-Caritas izda gie pospost min-naha tieghu.

Illi f'nota sussegwenti datata 6 ta' Settembru 2022 gie infumat mill-ufficjal tal-Probation illi Micallef wera x-xewqa li jaghmel programm residenzjali. Fil-fatt fil-verbal tal-1 ta' Dicembru 2022 gie dikjarat illi d-denunzjat gie ammess fix-xelter tal-Caritas fejn peroò b'nota successiva tal-istess ufficjal tal-Probation li biha

fformalizzat id-denunzja taht l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446, gie dikjarat illi d-denunzjat kien telaq minn jeddu fl-24 ta' Dicembru 2022 kontra kull parir moghti lilu. Illi tul dan iz-zmien kollu baqa' jkun pozittiv ghad-drogi kokaina u eroina.

Illi f'rapport sussegwenti l-Probation Officer permezz ta' nota datata 27 ta' Marzu 2023 illi l-imputat qabel kull seduta quddiem din il-Qorti jipprova jikkuntattja xi entità li tghin fir-riabilitazzjoni kontra d-droga sabiex jidher li jkun qed jaghmel xi haga. Illi prova ta' dan ikkuntattja l-Oasi biex jipprova jidhol f'programm qabel seduta u maghha stqarr li ma kienx ser jiltaqa ghaliex «din kienet biss denunzja»(fol. 1142).

Illi finalment u wara li d-denunzjat dahal fil-programm tal-Oasi u din il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza biex forsi taghtih l-ahhar cans, l-ufficjal tal-Probation permezz ta' nota datata 28 ta' Gunju 2023 ddikjarat illi dan il-programm gie mwaqqaf stante illi d-denunzjat ma kienx qed jikkopera.

Rat illi din il-Qorti halliet trapass taz-zmien u dan sabiex is-sentenzjat jirrealizza xi jrid jaghmel b'hajtu u forsi jirriforma ruhu izda dan ma sewa' ta' xejn. Din il-Qorti hija konxja wkoll tad-diversi ordnijiet moghtija minn Qrati ohra li gew indikati fl-atti ghal trattament izda dan xorta ma sewa' ta' xejn;

Ghal din ir-raguni din il-Qorti ma tarax kif tista tapplika biss piena pekunjarja meta b'mod sfaccat id-denunzjat ripetutament injora d-direttivi tal-ufficjali li ppruvaw jghinuh u ghadu hekk sal-lum u ghalhekk stante illi d-denunzja tal-ufficjal tal-Probation giet ampjament ippruvata minghajr ombra ta' dubju, ser tapplika it-tieni parti tad-dispozizzjoni tal-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 u tissentenzjah ghal dawk l-akkuzi li kien gie akkuzat originarjament u li dwarhom kien gie misjub hati. Illi dan l-Artikolu jghid hekk:

> *"(2) Jekk jigi ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-qorti, li min ikun taht probation jkun naqas milli jhares xi htiega ta' sanzjoni fil-komunità, dik il-qorti tista' minghajr pregudizzju ghat-tkomplija tas-sanzjoni, twahhal il-hati ammenda ta' mhux izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro*

*u erbgha u disghin centezmu (232.94), **<u>jew tista' tittratta ma' min ikun taht probation, ghar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-qorti tista' tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat.</u>**"*

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 49, 289, 262(1), 270, 275, 277(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat David Lineker Micallef hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante illi t-tielet (3) akkuza hija mezz ghall-fini tal-ewwel akkuza u r-raba' (4) akkuza hija mezz ghall-fini tat-tieni (2) akkuza, tikkundannah ghal piena ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija effettivi.

_____________________________________

**FT/Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A, LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**